MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.
SILVIO MELI**

Seduta tal-11 ta' Lulju, 2007

Avviz Numru. 48/2007

**Philip Farrugia**

**vs**

**Joseph Borg**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors fuq indikat datat l-20 ta' Frar tas-sena 2007 li permezz tieghu l-attur sejjah lill-konvenut quddiem din il-qorti sabiex jghid ghaliex m'ghandux ikun ikkundannat:

1. Illi jhallas lill-attur is-somma ta' elfejn u tmien mitt Lira maltin, (LM2,800.00,0), rapprezentanti prezz ta' hwejjeg lilu mibjugha u kkonsenjati fuq ordni tieghu stess;

2. Bl-ispejjez u bl-imghax relattiv mad-data tal-konsenja sal-pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni;

Rat ir-risposta tal-konvenut datata l-11 t'april tas-sena 2007 li permezz taghha eccepixxa s-segwenti:

1. Illi l-kreditu ta' l-attur kontra l-esponent konvenut huwa ta' elfejn tlett mija u lira f'Liri Maltin, (LM2,301.00,0), u mhux elfejn u tmien mitt Lira Maltin, (LM2,800.00,0), kif erroneament indikat mill-attur fl-avviz, u ghalhekk il-konvenut jaccetta li huwa debitur ta' l-attur limitatament ghall-ammont ta' elfejn tlett mija u lira, f'Liri Maltin, (LM2.301.00,0);

2. Illi l-pretensjoni ta' l-attur ghall-hlas ta' l-imghax kif pretiz mill-attur hija infondata u ghalhekk kontestata ghaliex kwalsiasi imghax favur l-attur ikun dovut mid-data tas-sentenza mhux mid-data tal-konsenja;

3. Illi l-esponent m'ghandux ibati spejjez gudizzjarji u qabel saret din il-kawza, l-esponent ma kienx interpellat mill-attur b'att gudizzjarju sabiex ihallas l-ammont attwalment dovut;

4. Salvi eccezzjonijiet ohra;

Rat il-verbal konguntiv tar-rapprezsentanti legali tal-partijiet datat it-3 ta' Lulju tas-sena 2007 li permezz tieghu infurmaw lil din il-qorti li ttransigew din il-kawza b'dan il-mod:

1. Illi l-attur jigi kanonizzat bhala kreditur tal-konvenut fl-ammont ta' elfejn tlett mija u lira f'Liri Maltin, (LM2,301.00,0);

2. Illi dan il-kreditu fil-konfront tal-konvenut kellu jkun minghar imghax;

3. Illi l-ispejjez gudizzjarji ta' l-attur huma a karigu ta' l-istess attur;

4. Illi l-ispejjez tar-Registru tal-konvenut huma a karigu ta' l-attur;

5. Illi l-konvenut ihallas biss l-ispejjez tar-rapprezentant legali tieghu;

Ikkunsidrat:

Illi galadarba l-partijiet liberament wasslu ghal din it-transazzjoni m'ghandha l-ebda raguni valida ghaliex ghandha tiddisturba dan il-ftehim;

Ghaldaqstant tiddeciedi din il-vertenza billi taghmel taghha l-ftehim fuq indikat u tikkonfermah kujalment u konsegwentement:

1. Tikkundanna lill-konvenut Joseph borg biex ihallas lill-attur Philip Farrugia l-ammont hekk pattwit ta' elfejn, tlett mija u lira f'Liri maltin, (LM2,301.00,0), minghajr imghax;

2. Illi l-ispejjez gudizzjarji ghandhom jinqassmu bil-mod segwenti:

a. Illi l-ispejjez relattivi ghall-attur ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur Philip Farrugia;
b. Illi l-ispejjez tar-Registru tal-konvenut Joseph borg ghandhom ikunu a karigu ta' l-attur Philip Farrugia;
c. Illi finalment, l-ispejjez relattivament ghar-rapprezentant legali tal-konvenut u spejjez ohra li talvolta jistghu jibqghu mhux mod iehor indikati ghandhom ikunu a karigu tal-konvenut Joseph Borg.

Marisa Borg
Deputat Registratur

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------